



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8512/20

ESPACE 22
RECH 218
COMPET 254
MI 149
IND 64
ENV 322
EU-GNSS 11
TRANS 239
TELECOM 78
ENER 193
EMPL 301
CSDP/PSDC 269
CFSP/PESC 443

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8512/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ispazju għal Ewropa Sostenibbli"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ispazju għal Ewropa sostenibbli", adottati bi proċedura bil-miktub fl-4 ta' Ġunju 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR

"L-ISPAZJU GĦAL EWROPA SOSTENIBBLI"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxi kompetenza tal-UE fil-qasam tal-Ispazju¹;
- B. fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa tas-26 ta' Ottubru 2016² u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" tat-30 ta' Mejju 2017³;
- C. fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-ispazju bħala faċilitatur" tat-28 ta' Mejju 2019⁴;
- D. fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), u b'mod partikolari n-Nru 4 – Edukazzjoni ta' Kwalità; in-Nru 5 – Ugwaljanza bejn il-Ġeneri; in-Nru 8 – Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku; in-Nru 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; in-Nru 10 – Inugwaljanzi Mnaqqsa; in-Nru 13 – Azzjoni Klimatika; in-Nru 14 – Ħajja Taħt l-Ilma; Nru 15 – Ħajja fuq l-Art u Nru 17 – Sħubiji għall-Għanijiet⁵;
- E. fil-prinċipji minquxa fit-Trattat dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u l-Użu tal-Ispazju Extratmosferiku, inkluż il-Qamar u Korpi Ċelesti Oħrajn;

¹ B'mod partikolari l-Artikoli 4 u 189.

² dok. 13758/16.

³ dok. 9817/17.

⁴ dok. 9248/19.

⁵ Risoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015.

L-ispazju għal tkabbir sostenibbli fit-tul

1. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi promoss l-iżvilupp ta' settur spazjali Ewropew sostenibbli biex jiġu sodisfatti d-domandi tal-ġenerazzjonijiet futuri u tiġi garantita l-kompetittività Ewropea; JIRRIKONOXXI l-importanza strateġika dejjem akbar tas-settur spazjali; JAGĦRAF li s-settur spazjali għaddej minn trasformazzjoni rapida minħabba ż-żieda fil-provvista ta' prodotti u servizzi bbażati fl-ispazju u ż-żieda fid-domanda għalihom, kif ukoll il-bidliet teknoloġiċi u l-miġja tal-hekk imsejjaħ "l-Ispazju Ġdid", b'atturi ġodda, firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet f'attivitajiet ekonomiċi differenti [...] u investiment akbar tas-settur privat flimkien ma' żieda fl-interazzjonijiet bejn il-gvernijiet, inkluż permezz ta' aġenziji spazjali, organizzazzjonijiet intergovernattivi, is-settur privat, l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u s-soċjetà;
2. JIRRIKONOXXI l-impatti fuq il-perijodu ta' żmien qasir, medju u fit-tul li l-pandemija attwali tal-COVID-19 għandha globalment; u JISĦAQ il-ħtieġa li nibnu fuq it-tagħlimiet meħuda; JISSOTTOLINJA l-kontribut li t-teknoloġiji u s-servizzi spazjali jistgħu jagħtu b'rispons għas-sitwazzjoni; u JENFASIZZA l-importanza tas-settur spazjali fir-rilanċ tal-ekonomija lejn futur sostenibbli u soċjetà aktar reżiljenti;
3. JISĦAQ li s-settur spazjali joffri bosta opportunitajiet biex jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli fit-tul billi jiġu promossi l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi bi qbil ma', fost l-oħrajn, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Qafas ta' Sendai⁶, il-Ftehim ta' Pariġi⁷ u l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE bħall-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali, kif ukoll it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati⁸ u t-titjib tal-politiki pubbliċi fis-setturi kollha; U JISSOTTOLINJA li x-xjenza tad-dinja, u d-data, is-servizzi u t-teknoloġiji spazjali Ewropej jistgħu jikkontribwixxu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew⁹, u b'hekk jippermettu lill-Ewropa ssir mexxejja globali fit-transizzjoni lejn dinja sostenibbli, li ssolvi l-isfidi tas-soċjetà u li tippreserva l-funzjonament tal-ekosistemi naturali, għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet futuri;

⁶ Il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, adottat fit-Tielet Konferenza Dinjija tan-NU f'Sendai, il-Ġappun, fit-18 ta' Marzu 2015.

⁷ Rapport tal-Konferenza tal-Partijiet dwar il-21 sessjoni tagħha, FCCC/CP/2015/10/Add.1

⁸ dok. 13129/17.

⁹ dok. 15051/19.

4. JISSOTTOLINJA l-importanza tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet spazjali għar-rwol tagħhom fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; JENFASIZZA li l-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-ambjent spazjali jirrikjedi kooperazzjoni internazzjonali u kondivizzjoni tal-informazzjoni u sa' sabiex jiġi ppreservat ambjent spazjali operazzjonali, sostenibbli u sikur; JINKORAĠĠIXXI l-implimentazzjoni volontarja tal-linji gwida tan-NU għas-sostenibbiltà fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju extratmosferiku;
5. JISSOTTOLINJA li l-kompetizzjoni globali u l-mudelli ġodda ta' tkabbir sostenibbli jeħtieġu trasformazzjonijiet kbar fl-organizzazzjoni industrijali, fil-katina tal-provvista, fl-impjiegi u fil-ħiliet, inkluż fis-settur spazjali;
6. JIRRIKONOXXI li l-Programm Spazjali tal-UE, f'sinerġija ma' Orizzont Ewropa, flimkien mal-programm Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u l-programm Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta' Satelli Meteoroloġiċi (EUMETSAT) u l-attivitajiet tal-Istati Membri, fi ħdan ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jappoġġa lill-Ewropa biex tibqa' attur internazzjonali ewlieni, fl-indirizzar ta' diversi sfidi tas-soċjetà u fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea tul il-katina kollha tal-valur, b'mod partikolari l-indirizzar ta' dipendenza fuq teknoloġiji kritiċi, fi swieq li jevolvu malajr;
7. JIRRIKONOXXI l-importanza li jkunu promossi l-iskambju reċiproku u l-effetti derivati bejn is-settur spazjali u dawk mhux spazjali, b'kont meħud tal-kapaċitajiet tal-SMEs u n-negozji l-ġodda għall-iżvilupp ta' industrija Ewropea sostenibbli, reżiljenti u aġli, li tiffaċċa kompetizzjoni globali u sfidi tas-soċjetà ta' ċertu saħħa;

8. JAGĦRAF l-opportunitajiet ta' trasformazzjoni diġitali u teknoloġiji avvanzati (eż. l-awtomatizzazzjoni, il-konnettività, il-big data, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji tal-kwantum, l-informatika ta' prestazzjoni għolja, il-manifattura avvanzata, l-internet tal-oġġetti) biex jiġu massimizzati sinerġiji mal-industrija spazjali, u b'hekk jingħata kontribut biex jinħolqu opportunitajiet kummerċjali ġodda u ta' tkabbir sostanzjali fl-Ewropa u tissawwar il-bażi ekonomika Ewropea u l-koeżjoni soċjali Ewropea, kif issottolinjat fl-Istrateġija Industrijali¹⁰, l-Istrateġija għall-SMEs¹¹, fl-istrateġija Ewropea l-għdida għad-data¹² u l-futur diġitali tal-Ewropa¹³;
9. JAGĦRAF li l-ispazju jikkontribwixxi u jaqdi rwol importanti fl-iżvilupp ta' ħiliet, teknoloġiji u servizzi meħtieġa biex tinbena soċjetà reżiljenti li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi globali f'dinja li qed tinbidel, b'hat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-ekosistemi, il-kriżijiet tas-saħħa, is-sigurtà tal-ikel u l-migrazzjoni;
10. JIRRIKONOXXI li l-użu ta' servizzi spazjali u ta' data spazjali minn setturi oħra, b'has-saħħa, it-trasport, is-sigurtà, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, il-forestrija, is-sajd, il-ġestjoni tar-riżorsi, l-enerġija, il-loġistika, id-difiża, il-kultura, it-turiżmu, ir-reazzjoni f'każ ta' emerġenza, kif ukoll il-monitoraġġ tal-klima, il-bijodiversità jew ir-riżorsi naturali u kulturali, joffri opportunitajiet biex l-industrija tiżviluppa servizzi ta' valur għoli tul il-katina kollha tal-valur u biex is-setturi pubbliċi jtejbu d-deċiżjonijiet ta' politika; u JIRRIKONOXXI li dan l-użu jista' jrawwem ukoll impjiegi ta' kwalità għolja, ta' valur għoli u fit-tul, u b'hekk ittejjeb il-produttività u r-reżiljenza fl-ekonomija u s-soċjetà tal-UE iġġenerali u jappoġġa Ewropa sostenibbli;
11. JENFASIZZA li s-soluzzjonijiet spazjali jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-isfida ta' ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari permezz tal-innovazzjoni diġitali, filwaqt li joffru servizz armonjuż, rapidu u sikur, jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni intelliġenti tar-riżorsi, irawmu bliet intelliġenti u rħula intelliġenti u jivvalutaw l-impatt tal-politiki billi jimmonitorjaw l-atmosfera, l-ekosistemi u l-klima tad-dinja;

¹⁰ dok. 6782/20.

¹¹ dok. 6783/20.

¹² dok. 6250/20.

¹³ dok. 6237/20.

12. JENFASIZZA l-importanza tal-Programm Spazjali tal-UE u ta' Orizzont Ewropa; JISĦAQ l-importanza għall-UE ta' sistemi spazjali kritiċi indipendenti Ewropej bħalma huma l-pożizzjonament [...] u l-ħin, il-klima u l-gassijiet b'effett ta' serra u l-monitoraġġ ambjentali, it-telekomunikazzjoni governattiva u l-aċċess għall-ispazju; u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-użu ta' data u servizzi pprovduti minn Copernicus, Galileo u EGNOS fl-implimentazzjoni ta' oqsma ta' politika mhux spazjali fuq livell Ewropew u nazzjonali; JIRRIKONOXXI l-valur miżjud ta' proġetti kooperattivi eżistenti u ġodda (eż. Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju – SSA) għas-sostenibbiltà Ewropea;
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa analiżi fil-fond tax-xenarju attwali tal-Ispazju Ġdid Ewropew, tal-perspettivi futuri tiegħu u tal-kontribut tiegħu għall-ekonomija Ewropea, li tespandi l-kapaċitajiet eżistenti tas-suq, tappoġġa l-SMEs u n-negozji ġodda u tinkludi l-miġja ta' atturi u żviluppi ġodda; u JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu appoġġati l-Istati Membri b'kapaċitajiet spazjali emerġenti, kif ukoll l-industrija u l-akkademja tagħhom, fl-involvement attiv tagħhom biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija spazjali tal-UE u jsaħħu r-reżiljenza ekonomika tagħha;

Edukazzjoni u Ħiliet għall-Ispazju

14. JINNOTA li f'dinja globalizzata b'evoluzzjoni teknoloġika rapida, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, assoċjati ma' xenarji kummerċjali u ekonomiċi ġodda u sfidi tas-soċjetà bħat-tibdil fil-klima, it-tifqigħat ta' kriżijiet tas-saħħa u t-tibdiliet demografiċi, l-Ewropa trid iżżid l-isforzi tagħha biex tiżviluppa l-għarfien, il-ħiliet interdixxiplinari u l-kompetenzi meħtieġa biex jintlaħqu soluzzjonijiet adegwati; JENFASIZZA li t-transizzjoni ġusta għal ekonomija diġitali u ekoloġika ġdida teħtieġ investimenti fin-nies biex jiġu appoġġati kemm l-aġendi ekonomiċi kif ukoll dawk soċjali; JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-industrija, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-akkademja, biex tidentifika nuqqasijiet u diskrepanzi fil-ħiliet futuri, u biex tikkunsidra soluzzjonijiet possibbli u inizjattivi mmirati;

15. JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex tibni fuq l-Istrateġija Ewropea għad-Data u l-aġġornament li jmiss tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali tal-UE biex trawwem l-iżvilupp tal-ħiliet foqasma emerġenti, inkluż il-ħiliet diġitali u l-analitika tad-data, b'mod partikolari fid-dawl tal-volum dejjem akbar ta' data ta' osservazzjoni tad-dinja u data spazjali oħra;
16. JENFASIZZA l-importanza għall-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-settur privat, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, kif ukoll l-organizzazzjonijiet intergovernattivi, biex iżidu l-isforzi biex jiġu żviluppati l-ħiliet u jiġu stimulati l-innovazzjoni u l-intraprenditorija, biex jitrawwem ambjent ta' xogħol attraenti u settur spazjali vijabbli;
17. JENFASIZZA l-importanza ta' investimenti fi programmi ta' edukazzjoni dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM) fil-livelli kollha; IQIS li l-attivitajiet spazjali x'aktarx jattiraw l-interess ta' studjużi u studenti żgħażaġh; JISĦAQ l-importanza li tiġi żgurata bażi b'saħħitha ta' għarfien fis-settur spazjali Ewropew u JIRRIKONOXXI l-hteġa li tiġi inkoraġġuta l-ġenerazzjoni aktar żagħżuġha biex tistudja u taħdem fl-oqasma STEM fost oħrajn bil-għan li jiġi promoss il-bilanċ bejn is-sessi; U JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-ESA u l-EUMETSAT, biex jintensifikaw il-programmi ta' sensibilizzazzjoni, inkluż attivitajiet prattiċi, biex iżidu l-immaġni pożittiva u l-attrazzjoni ta' attivitajiet spazjali fost iż-żgħażaġh Ewropej;
18. JAPPELLA lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA) biex tikkoopera mal-Istati Membri u tipprovdihom b'informazzjoni u speċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-iżvilupp tas-suq u t-titjib tal-ħiliet u biex tiddiskuti l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma ma' esperti nazzjonali pubbliċi u privati rilevanti li jikkontribwixxu biex jinftiehm u jiġu identifikati l-ħteġijiet tas-suq u biex ikun possibbli għad-data u s-servizzi spazjali li jagħtu spinta lill-ħolqien tal-impjiegi u jħaffu l-penetrazzjoni tagħhom fis-suq tal-massa;
19. JENFASIZZA li l-inizjattivi eżistenti u futuri għat-trasferiment tal-għarfien u t-tiżiħ tal-kapaċità għandhom jintużaw ukoll biex jinxtered l-għarfien madwar l-UE u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ġabra ta' talent b'ħiliet spazjali speċifiċi għall-industrija;

20. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex jiffaċilitaw approċċ aktar integrat dwar l-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ktajjen tal-valur tas-settur spazjali, pereżempju billi jrawmu taħriġ vokazzjonali, taġlim online u kontinwu u billi jippromwovu lawrji konġunti u offerti ta' taħriġ fl-edukazzjoni għolja;
21. JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali; U JAPPELLA għal involviment akbar tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-iżvilupp ta' ħiliet u l-kondiviżjoni tal-ġarfien biex jagħtu spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija madwar l-UE, filwaqt li jibbenefikaw mill-iżvilupp ta' industrija b'saħħha bbażata fuq applikazzjonijiet u servizzi spazjali; JISSOTTOLINJA l-hteġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni (inkluż dik transsettorjali) u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki; u JAPPELLA għas-simplifikazzjoni tal-aċċess għall-fondi Ewropej għall-iżvilupp tal-ħiliet.
-